24 ta' Jannar, 1955

**Imħallfin :**

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President*;**
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;**
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

**Arthur Mortimer, A.& C.E., M.B.E., et.** *versus* **Giovanni Anastasi**

## Soċjetà — Konferiment — Stralċ

*Il-fatt li fl-att kostitutiv tas-soċjetà ukud mill-kontraenti jassenjaw lil kontraent ieħor numru ta' azzjonijiet ta' ċertu valur fis-soċjetà in konsiderazzjoni tal-konferiment ta' makkinarju li dak l-assenjatarju ta' l-azzjonijiet jagħmel fis-soċjetà ma jfisserx neċessarjament illi gie aċċettat mis-soċji l-oħra li l-konferiment tiegħu kien ta' dak il-valur li kellhom dawk l-azzjonijiet li ġew assenjati lil dak is-soċju.*

*Bħala liġi, ma hemm xejn kuntrarju li jiġi stabbilit il-valur tal-konferiment. Immo, jekk dan il-valur ma jkunx ġie stabbilit jew aċċettat, l-unika soluzzjoni hija l-istima susseġwenti permezz ta' perizja; ammenokkè ma jkunx xi ħaġa li jkollha valur ta' borża.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors ta' l-istralċjarju George Camilleri, assistit mill-Avukat Dr. Giuseppe Pace, preżentat fil-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, fejn l-istess Camilleri, wara li ppremetta illi huwa kien gie awtorizzat minn din il-Qorti, bid-digriet tad-9 ta' Jannar 1952, jikkonsenja lill-kumpraturi Joseph Lucari u Paolo Micallef il-merkanzija, mobili, għodda, makkinarju, u dak kollu kompriż fil-beigħ fl-istess digriet u skond il-ftehim bejn l-interessati fl-istralċ; illi huwa daħħal £14,000 b'cheque pagabbli immedjatament u £4,000 b'cheque ieħor pagabbli fis-26 ta' Jannar 1952, liema cheque iddepożita l-Bank; illi, biex jista' jsir definitivament l-istralċ, hemm bżonn li jiġu stmati l-makkinarji illi l-imsemmi Anastasi kkonferixxa, sija jekk dawk il-makkinarji, kif jippretendi l-istess Anastasi, kienu in parti minnu konferibbli, sija jekk kienu aktar minn dawk li kellu jikkonferixxi u li ġew minnu konferiti, salva rifużjoni tal-valur; illi huwa preċedentement ippreżenta rikors għall-valutazzjoni tal-makkinarju, iżda ma laħaqx ta kors għal dik il-proċedura,

billi saret offerta globali li ġiet aċċettata u fuqha sar il-bejgħ; talab li jiġi awtorizzat jagħmel l-istima ta' l-istess makkinarju permezz ta' espert li *jiġi nominat, u dan għaliex* l-imsemmi Anastasi ma eżibiex il-fatturi tal-kost tagħhom; liema stima hija meħtieġa sabiex l-istess rikorrent ikun jista' jistabbilixxi l-valur tal-konferiment inizjali jew sussegwenti illi għamel l-istess Anastasi;

Rat ir-risposta ta' l-imsemmi Anastasi, li ssottometta illi rigward il-makkinarju li hu kien obligat jikkonferixxi fis-soċjetà, u li għalih hu rċieva 98 shares ta' £100 l-waħda, l-istima mitluba mhix legalment ammissibbli :—

a) *Għaliex il-konferiment kien jirrigwarda l-proprjetà*, u mhux l-użu, tal-makkinarju; u fi kwalunkwe każ si tratta ta' oġġett li bl-użu jikkonsma ruħu, jew jiddeterjora ruħu; u peress li fl-att kostitutiv tas-soċjetà l-partijiet qablu li l-valur tiegħu kien ta' £9,800, ħadd ma jista', wisq anqas l-istralċjarju, jinjora dak il-valur;

b) Għaliex il-valur attribwit mill-kontraenti lil dak il-makkinarju jekwivali għall-istima kontemplata mill-art. 1758(2) tal-Kodiċi Ċivili, indubbjament applikabbli għas-soċjetà kummerċjali (art. 1741); difatti l-liġi ma timponi ebda forma lil din l-istima, u skond id-dottrina biżżejjed li jkollha karattru bilaterali (Troplong, Soċjetà, no. 597), biżżejjed li jkunu għamluha jew anki approvawha s-soċi bejniethom (Delvincourt, Cod. Civ. Società, Vol. IV, paġ. 112; u Laurent, Diritto Civile, Vol. XXVI, no. 276); bil-konsegwenza li, kif ikompli jgħid Troplong, "essa (la stima) forma legge per il socio; egli non può reclamare niente di più" (op. ċit., no. 598);

c) Għaliex il-konferiment *tal-makkinarju*, ġa valutat mis-soċji, jekwivali għal bejgħ, u l-prezz (f'dan il-każ il-valur) mhux aktar varjabbli, bis-saħħa tal-prinċipju "aestimatio facit venditionem";

d) Għaliex, kieku kienet permissibbli l-istima tal-makkinarju, skond ir-riżultat tagħha s-soċji jista' jkollhom azzjonijiet aktar jew anqas minn dawk ġa irrevokabilment stipulati, ad onta tal-prinċipju li l-kuntratti huma bħal liġi bejn il-partijiet u ma jistgħux jitbiddlu ħlief bil-kunsens tagħhom

ilkoll (art. 1035 Kodiċi Ċivili); u b'hekk jiġi wkoll distrutt il-fondament ġuridiku ta' l-istima, li, skond Vivante, għand-ha, fost skopi oħra, dak "di determinare la parte che spetta a ciascuno nella divisione a titolo di rimborso del capitale" (Trattato di Diritto Commerciale, Vol. II, no. 321);

e) Għaliex, fil-każ ipotetiku li l-istima tkun anqas mill-valur ġa aċċettat fl-att kostitutiv, dana jkun kontra ċ-ċitazzjoni odjerna, u preċiżament in oppożizzjoni għat-tieni domanda, fejn l-atturi qegħdin jitolbu l-assenjazzjoni tal-patrimonju soċjali, kwantu għal 98/200 lill-konvenut għat-termini tal-kondizzjonijiet kontenuti f'dak l-istess kuntratt — ħaġa din ribadita fid-dikjarazzjoni ta' l-atturi, fejn jingħad li b'din is-soċjetà l-interess ta' esponenti huma ta' 102/200 u dak tal-konvenut huwa ta' 98/200; u minn dan joħroġ il-"quasi contratto giudiziale", li jorbot il-partijiet u anki lill-ġudikant;

Illi rigward il-makkinarju li ma ġiex stmat, u ġie miġjub bħala konferiment addizzjonali, huwa ma jagħmelx oppożizzjoni għall-valutazzjoni tiegħu;

Rat ir-risposta ta' l-atturi, fejn jiddikjaraw li jirrimettu ruħhom għal dawk il-provvedimenti li l-Qorti jogħġobha tagħti;

Rat id-digriet mogħti minn dik il-Qorti fis-27 ta' Settembru, 1954, li biħ laqgħet it-talba u nnominat lill-Inġinier Robert F. Galea sabiex jagħmel l-istima tal-makkinarju msemmi fir-rikors, u ordnat li l-ispejjeż jibqgħu riżervati għas-sentenza; wara li kkunsidrat;

Illi l-konvenut Anastasi għamel oppożizzjoni għall-istima tal-makkinarju fuq imsemmi għar-raġuni, kif huwa jippretendi, illi l-partijiet ġa attribwewlu l-valur ta' £9,800, korrispondenti għall-valur ta' 98 azzjonijiet lilu assenjati fl-att kostitutiv tas-soċjetà in konsiderazzjoni tal-konferiment f'dik is-soċjetà da parti ta' l-istess Anastasi ta' l-istess makkinarju;

Illi, difatti, l-istess Anastasi xehed illi, meta l-Kurunell Strickland u l-Kaptan Xuereb marru Catania, wara li ġie magħmul l-att kostitutiv tas-soċjetà fuq indikata, biex jaraw l-istess makkinarju, li kien qiegħed f'dik il-belt, raw dak il-makkinarju kollu, li kien jiswa l-prezz tal-konferiment tiegħu,

ċjoè £9,800, u esprimew ruħhom bħala sodisfatti, u qalulu illi l-ispejjeż kollha li jagħmel biex tiġi attivata s-soċjetà l-ġdida jaddebitahom lis-soċjetà (fol. 16 tergo u fol. 17);

Illi mid-depożizzjoni ta' Nicea Mondani jirriżulta illi dak il-makkinarju, konsistenti fi tletin makna ......;

*Omissis;*

Illi kwindi, mill-kumpless tal-provi jirriżulta illi lill-imsemmi Anastasi ġew assenjati *azzjonijiet* tal-valur ta' £9,800 *in konsiderazzjoni* ta' *konferiment* da parti tiegħu ta' makkinarju ta' valur korrispondenti li huwa kellu Catania, u li assikura li kellu dak il-valur, imma ma rriżultax li saret stima tal-makkinarju li mbagħad effettivament ġie konferit mill-istess Anastasi, u l-anqas, *soddisfaċentement*, li dik l-istess stima tista' tingħad li saret *mis-soċji* bejniethom billi huma aċċettaw dak il-makkinarju, li fil-fatt ġie konferit, bħala aventi l-valur ta' £9,800. Din l-aċċettazzjoni da parti tas-soċji l-oħra ma ġietx *soddisfaċentement* pruvata;

Rat ir-rikors tal-konvenut fol. 153, li bih appella mid-digriet fuq imsemmi, u talab ir-revoka tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fatt li lill-appellant ġew assenjati azzjonijiet tal-valur ta' £9,800 ma jfisserx bilfors illi ġie mis-soċji l-oħra aċċettat illi l-konferiment tiegħu kien ta' dak il-valur. Hu elementari, infatti, illi l-konferiment, anzikkè materjali u konkret, jista' jkun semplicement immwiegħed (Pipia, Vol. II, p. 39, 65). F'każ simili, għalkemm il-konferiment, avvolja biss immwiegħed, jifforma parti mill-kapital soċjali, dan il-konferiment isir kreditu tas-soċjetà kontra s-soċju promittent, u debitu ta' dan lejn is-soċjetà. Għalhekk, dik iċ-ċirkustanza ma tgħinux lill-appellant fil-pretiża tiegħu li s-soċji l-oħra aċċettaw li l-valur tal-makkinarju li hu ġieb fis-soċjetà, jew kellu jġib fis-soċjetà "ab initio", kien ta' £9,800;

Ikkunsidrat;

Ma hemm xejn kuntrarju, bħala liġi, li jiġi aċċettat il-valur tal-konferiment; imma, jekk dan il-valur ma ġiex stabbilit jew aċċettat, allura l-unika soluzzjoni hi l-istima susse-

gwenti permezz ta' periti, ammenokkè ma tkunx xi ħaġa li jkollha valur ta' borża;

L-appellant jippretendi li s-soċji l-oħra aċċettaw li l-makkinarju jiswa s-somma ta' £9,800, mentri huma jinnegaw;

Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti, raġġunta wara eżami eżawrjenti tal-provi fid-digriet appellat u apprezzament tagħhom, li din il-Qorti ssib korrett;

Ma jistax jingħad bl-ebda mod li l-konvenut wasal biex jipprova l-assunt tiegħu, u l-Qorti ma ssibx raġuni biex tiskarta x-xhieda deċiżiva tax-xhud Louis Degiorgio, li, b'konferma tax-xhieda tal-Kurunell Strickland, qal, fil-fol. 29, li sama' lill-Kurunell Strickland jitlob lill-appellant biex jindikalu l-valur tal-makkinarju, u dan, flok ma qallu, kif wieħed kellu jistenna kieku kien veru l-assunt tiegħu odjern, li l-valur kien ġie aċċettat, wegħedu li jagħtieh dak il-valur. U ta' min jinnota li dan id-diskors sar meta l-makkinarju kien ġa ġie hawn Malta minn Catania; dan ifisser li ma setgħax kien hemm l-aċċettazzjoni tal-valur mill-Kurunell Strickland u l-Kaptan Xuereb, meta l-makkinarju kien għadu f'Catania, mentri l-appellant jippretendi li l-aċċettazzjoni tal-valur saret meta dawn iż-żewġ soċji raw il-makkinarju fil-fabbrika ta' l-appellant f'Catania (fol. 95);

Lanqas hu verosimili li żewġ neguzjanti okulati, partikularment trattandosi ta' kwistjoni li kienet timporta valur kospikwu, kienu sejrin jaċċettaw il-valur kważi "alla cieca", fuq sempliċi ispezzjoni, u lanqas ispezzjoni ta' kollox, għax x'uħud mil-makni kienu qegħdin jissewwew, u bla ma jaraw ebda fattura jew dokument biex jirrassikuraw il-konvinzjoni tagħhom;

Għalhekk din il-Qorti hi ta' l-istess fehma ta' l-Ewwel Qorti, li l-attur ma ppruvax l-aċċettazzjoni tal-valur;

Kwantu għall-provi offerti bir-rikors ta' l-appellant ta' l-14 ta' Jannar, 1955, apparti konsiderazzjonijiet oħra dwar l-ammissibilità tagħhom bħala provi ġodda f'sedi ta' appell, dawk il-provi jistgħu, "si et quatenus", ikunu rilevanti fil-każ ta' direttivi li l-Ewwel Qorti jkun jidhrilha li għandha tagħti dwar il-kriterji attinenti għall-istat tal-makkinarju f'xi

żmien partikulari, *li għandhom jiġu segwiti* mill-perit stimatur. Il-punt devolut lil din il-Qorti hu unikament dak jekk kienx hemm jew le l-aċċettazzjoni tal-valur; jekk ma kienx hemm, *għandha ssir l-istima*;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Prevju r-riġett tal-provi offerti;

*Prevja adozzjoni tal-motivi tad-digriet appellat*;

Tiċħad l-appell u tikkonferma l-istess digriet; bl-ispejjeż ta' l-appell kontra l-appellant.